



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

10.9.2013

B7-0428/2013

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja
(2013/2819(RSP))

Hannes Swoboda, Véronique De Keyser, Libor Rouček, Pino Arlacchi, Saïd El Khadraoui, Ana Gomes, Roberto Gualtieri, Richard Howitt, Maria Eleni Koppa, María Muñiz De Urquiza, Raimon Obiols, Pier Antonio Panzeri, Joanna Senyszyn, Catherine Trautmann, Boris Zala f'isem il-Grupp S&D

RE\1002462MT.doc

PE519.268

MT

Magħquda fid-diversità

MT

B7-0428/2013

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar the situation in Syria
(2013/2819(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Sirja, b’mod partikolari dik tat-23 ta’ Mejju 2013 dwar is-sitwazzjoni tar-refuġjati Sirjani fil-pajjiżi ġirien¹,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-President Barroso qabel is-Samit tal-G20 f’San Pietruburgu fil-5 ta’ Settembru 2013,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mir-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton wara l-laqgħa informali tal-ministri barranin tal-UE f’Vilnius tas-7 ta’ Settembru 2013, dwar l-urġenza kbira ta’ soluzzjoni politika għall-kunflitt Sirjan tat-23 ta’ Awwissu 2013, u dwar l-aħħar rapporti ta’ użu ta’ armi kimiċi f’Damasku fil-21 ta’ Awwissu 2013,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill u d-dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar is-Sirja tas-27 ta’ Mejju 2013,
 - wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1945,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet ta’ Ġinevra tal-1949 u l-protokolli addizzjonali għalihom,
 - wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966,
 - wara li kkunsidra l-Protokoll ta’ Ġinevra (għall-Konvenzjoni tal-Aja) dwar il-Projbizzjoni tal-Użu fil-Gwerra ta’ Gassijiet Assfissjanti, Tossiċi jew Oħra, u ta’ Metodi Batterjoloġiċi tal-Ġlied tal-1925,
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħżin u l-Użu tal-Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom (il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi) tal-1993,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni finali tal-laqgħa tal-Grupp ta’ Azzjoni għas-Sirja (dikjarazzjoni ta’ Ġinevra) tat-30 ta’ Ġunju 2012,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,
- A. billi minn Marzu 2011 aktar minn 100 000 ruħ tilfu ħajjithom fil-kriżi vjolenti fis-Sirja pprovokata mir-repressjoni brutali tar-reġim kontra l-poplu tiegħu; billi l-għadd ta’ refuġjati mis-Sirja qabeż iż-żewġ miljuni, b’aktar minn miljun tifel u tifla li kellhom jaħarbu minn arthom; billi l-għadd ta’ dawk spustati internament fis-Sirja jaqbeż il-

¹ Testi adottati, P7_TA(2013)0223.

5 miljuni;

- B. billi fil-21 ta' Awwissu 2013 l-użu ta' armi kimiċi fiż-żona ta' Ghouta f' Damasku qatel mijiet ta' ċivili, inklużi bosta tfal; billi din l-azzjoni, jekk tkun ikkonfermata mill-ispetturi tan-NU, tkun l-akbar qtil tal-massa b'armi kimiċi wara l-attakk mill-forzi tad-dittatur preċedenti tal-Iraq Saddam Hussein kontra l-belt Kurda ta' Halabja u villaġġi oħra Kurdi fit-Tramuntana tal-Iraq; billi dan l-attakk ġie segwit minn bumbardament qawwi mill-armata Sirjana fl-istess żona fil-ġranet wara l-użu ta' armi kimiċi;
- C. billi l-gvern tas-Sirja qabel fil-25 ta' Awwissu 2013, erbat ijiem wara l-attakk kimiku, li l-ispetturi tan-NU jżuru l-post; billi t-tim tal-ispezzjoni tan-NU sparaw fuqu diversi drabi snipers mhux identifikati fis-26 ta' Awwissu, u kien hemm aktar dewmien fl-investigazzjoni tagħhom; billi l-ispetturi tan-NU telqu mis-Sirja fil-31 ta' Awwissu; billi s-Segretarju Ġenerali Ban Ki-moon ħeġġeġ lit-tim ta' spezzjoni sabiex jagħti r-riżultati tiegħu kemm jista' jkun malajr; billi, madankollu, il-missjoni ta' spezzjoni tan-NU għandha l-mandat limitat li tistabbilixxi jekk intużawx jew le armi kimiċi, mingħajr ma tindirizza l-mistoqsija ta' min kien responsabbli għal din l-azzjoni;
- D. billi fl-4 ta' Settembru 2013 il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tas-Senat tal-Istati Uniti vvota favur li jawtorizza attakki militari limitati kontra r-reġim Sirjan għal perjodu ta' 60 jum, bil-possibbiltà ta' estensjoni ta' 30 jum wara konsultazzjoni mal-Kungress, iżda mingħajr l-użu ta' truppi tal-art Amerikani;
- E. billi l-Istati Membri tal-UE esprimew nuqqas ta' qbil fuq il-pożizzjonijiet dwar intervent militari internazzjonali possibbli fis-Sirja; billi fid-29 ta' Awwissu 2013 il-Parlament tar-Renju Unit irrifjuta mozzjoni tal-gvern dwar awtorizzazzjoni provviżorja għal intervent militari;
- F. billi l-Unjoni Ewropea aċċettat il-Koalizzjoni Nazzjonali tal-Forzi Sirjani tar-Rivoluzzjoni u tal-Oppożizzjoni bħala rappreżentanti leġittimi tal-poplu Sirjan u laqgħet id-dikjarazzjoni tagħha tal-20 ta' April 2013, li ddikjarat il-prinċipji ta' Sirja demokratika, pluralistika u inklussiva li tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-minoranzi reliġjużi u etniċi, u l-istat tad-dritt, li tirriffjuta l-estremiżmu, u timpenja ruħha sabiex tiggarantixxi s-sigurtà tal-armi kimiċi preżenti fil-pajjiż, tappoġġja l-isforzi ta' nonproliferazzjoni internazzjonali u tikkonforma mal-obbligi internazzjonali fuq dik il-kwistjoni; billi, madankollu, il-gruppi tal-oppożizzjoni Sirjani għadhom ibatu minn diviżjonijiet interni u frammentazzjoni sinifikanti;
- G. billi l-kriżi vjolenti fis-Sirja hija theddida serja għall-istabbiltà u s-sigurtà madwar ir-reġjun kollu tal-Lvant Nofsani u lil hinn minnu;
- H. billi, fil-konklużjoni tiegħu tas-27 ta' Mejju 2013, il-Kunsill Affarijiet Barranin ikkundanna l-atroċitajiet imwettqa mir-reġim Sirjan, li skont ir-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta Indipendenti jammonta għal delitti kontra l-umanità, u kkundanna wkoll abbużi serji, inklużi delitti tal-gwerra, li ġew imwettqa minn gruppi armati ta' kontra l-gvern u dokumentati fir-rapport tal-istess Kumitat, filwaqt li żied li dawn ma jilħqux l-intesità u l-iskala tal-abbużi mwettqa mill-forzi tar-reġim u mill-milizji affiljati; billi s-Segretarju Ġenerali Ban Ki-moon ikkundanna d-delitti kontra l-umanità mwettqa fiż-żona ta' Ghouta f' Damasku fil-21 ta' Awwissu;

- I. billi l-Kunsill Affarijiet Barranin qabel fis-27 ta' Mejju 2013 li jġedded ir-reġim ta' sanzjonijiet kontra s-Sirja u ħa nota tal-impenn tal-Istati Membri li kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' tagħmir militari jew ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna fil-pajjiż se jkun għall-Koalizzjoni Nazzjonali tal-Forzi Sirjani tar-Rivoluzzjoni u tal-Oppożizzjoni u maħsub għall-ħarsien taċ-ċivili, b'salvagwardji kontra l-użu ħażin ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija, b'mod partikolari l-utent aħħari u d-destinazzjoni finali tal-konsenja;
- J. billi l-Unjoni Ewropea pprovdiet aktar minn EUR 1.3 biljun f'għajjnuna umanitarja għal dawk fis-Sirja u fil-pajjiżi ġirien tagħha li qed ibatu mill-konsegwenzi tal-kunflitt vjolenti li għaddej bħalissa;
- K. billi l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jibqa' l-forum leġittimu għas-soluzzjoni tal-kunflitti internazzjonali ewlenin; billi, madankollu, dan il-forum jibqa' paralizzat mir-Russja u ċ-Ċina rigward l-għoti ta' risposta adegwata għall-kriżi u l-katastrofi umanitarja fis-Sirja;
- L. billi fid-9 ta' Settembru 2013 is-Segretarju Ġenerali tan-NU Ban Ki-moon laqa' l-proposta għat-trasferiment tal-armi kimiċi tar-reġim Sirjan lill-komunità internazzjonali sabiex jinqerdu; billi qal ukoll li kien qed jikkunsidra li jħeġġeġ lill-Kunsill tas-Sigurtà biex jesiġi li dawn l-armi u ħażniet ta' prekursori kimiċi jiġu ttrasferiti minnufih għal postijiet fis-Sirja fejn jistgħu jinħażnu u jinqerdu b'mod sikur;
1. Jikkundanna bl-akbar qawwa l-qtil tal-massa ta' ċivili fl-attakk kimiku tal-21 ta' Awwissu 2013 fiż-żona ta' Ghouta f'Damasku, li wassal għall-mewt ta' mijiet ta' ċivili, inklużi hařna tfal;
 2. Jissottolinja l-fatt li, filwaqt li sorsi differenti mid-dehra qed jindikaw li r-reġim Sirjan huwa responsabbli għal dan l-attakk, kwalunkwe pass ulterjuri għandu jittieħed biss fid-dawl tar-riżultati tal-investigazzjoni tan-NU;
 3. Jenfasizza li l-użu ppruvat ta' armi kimiċi, b'mod partikolari kontra ċ-ċivili, huwa ksur skandaluż tal-liġi internazzjonali, delitt tal-gwerra, u delitt kontra l-umanità, li jirrikjedi risposta ċara u qawwija sabiex jiġi ċċarat li dawn id-delitti huma inaċċettabbli, sabiex jiġi evitat kull użu ulterjuri ta' armi kimiċi fis-Sirja, jew xi mkien ieħor;
 4. Jissottolinja l-fatt li, sabiex tintlaħaq risposta b'appoġġ internazzjonali wiesgħa, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU għandu jaqdi r-responsabbiltà tiegħu u jfassal pożizzjoni komuni dwar il-kriżi fis-Sirja, kif ukoll jipprevjeni kull użu ulterjuri ta' armi kimiċi fil-kunflitt; jistieden lir-Russja u liċ-Ċina, b'mod partikolari, biex jassumu r-responsabbiltajiet tagħhom f'dan ir-rigward sabiex jiżguraw il-legalità internazzjonali; jappella, barra minn hekk, biex il-koordinazzjoni ma' sħab nazzjonali u sovrannazzjonali fir-reġjun, b'mod partikolari mal-Lega Għarbija, tiġi intensifikata qabel jittieħdu passi ulterjuri;
 5. Jappoġġja l-proposta li l-armi kimiċi tar-reġim Sirjan jiġu ttrasferiti lill-kontroll internazzjonali sabiex jinqerdu, u jistieden lill-gvern Sirjan, f'dan il-kuntest, biex jgħaddi l-armi kimiċi kollha tiegħu lill-komunità internazzjonali u jiffirma l-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi mingħajr dewmien;
 6. Huwa konvint li soluzzjoni dejjiema għall-kriżi attwali fis-Sirja tista' tintlaħaq biss

permezz ta' proċess politiku mmexxi mis-Sirjani bl-appoġġ tal-komunità internazzjonali; ikompli jappoġġja, f'dan l-ispiritu, l-isforzi tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u tar-Rappreżentant Speċjali Konġunt tan-NU u l-Lega Għarbija Lakhdar Brahimi sabiex isiru passi 'l quddiem fil-proċess ta' Ġinevra II u fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;

7. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-diviżjonijiet interni sinifikanti li għad hemm fi hndan l-oppożizzjoni Sirjana, u l-frammentazzjoni tagħha, u dwar id-dehra ta' vjolenza b'motivi reliġjużi u etniċi fil-pajjiż; jinkoraġixxi lill-Koalizzjoni Nazzjonali tal-Forzi Sirjani tar-Rivoluzzjoni u tal-Oppożizzjoni sabiex ikollhom rwol ewlieni fil-ħolqien ta' grupp ta' oppożizzjoni aktar maqgħud, inklussiv u organizzat internament u esternament, u jappella għal aktar appoġġ mill-UE għall-Koalizzjoni f'dan il-kuntest;
8. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-involviment ta' gruppi estremisti u atturi mhux statali barranin fil-kriżi tas-Sirja u dwar it-tifrix possibbli ta' vjolenza fil-pajjiżi ġirien, li huwa theddida serja għall-istabbiltà u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani u lil hinn minnu;
9. Jenfasizza li l-iżguraw li l-ghajjnuna u l-assistenza umanitarja tasal f'idejn daww fil-bżonn ta' prodotti u servizzi bażiċi minħabba l-kriżi vjolenti fis-Sirja – kemm fil-pajjiż kif ukoll fil-ġirien tiegħu, b'mod partikolari l-Iraq, il-Ġordan, il-Libanu u t-Turkija għandu jkun prijorità għall-komunità internazzjonali u għall-Unjoni Ewropea; jistieden lill-partijiet kollha involuti fil-kunflitt sabiex jiffaċilitaw l-għoti ta' ghajjnuna u assistenza umanitarja bil-mezzi kollha possibbli, inkluż minn naħa għall-oħra tal-fruntieri u l-linji ta' kunflitt, u jiżguraw is-sikurezza tal-persunal mediku kollu u tal-ħaddiema umanitarji kollha;
10. Jitlob politika konġunta Ewropea, li tinvolvi kemm il-livell tal-Unjoni kif ukoll dak tal-Istati Membri, li tindirizza s-sitwazzjoni ta' aktar minn żewġ miljun refuġjat mis-Sirja; jissottolinja l-fatt li kwalunkwe eskalazzjoni jew intensifikazzjoni ulterjuri ta' dan il-kunflitt vjolenti se twassal għal żieda tal-għadd ta' refuġjati, u tkun theddida oħra għall-istabbiltà u s-sigurtà reġjonali; jappella għal attenzjoni speċjali għas-sitwazzjoni ta' Palestinjani li jgħixu fis-Sirja, li huma maqbuda fil-vjolenza mingħajr aċċess għall-Ġordan u l-Libanu;
11. Itenni l-appell tiegħu għat-twaqqif ta' postijiet ta' rifuġju tul il-fruntiera bejn it-Turkija u s-Sirja, u possibilment fis-Sirja, u għall-ħolqien ta' kurituri umanitarji mill-komunità internazzjonali; jerġa' jappella lill-pajjiżi kollha sabiex iwettqu l-wegħdiet li huma għamlu fil-konferenza tad-donaturi fil-Kuwait fit-30 ta' Jannar 2013;
12. Jenfasizza li l-kriżi fis-Sirja tirrikjedi approċċ komuni u koerenti mill-Istati Membri tal-UE; ihegġegħ għalhekk lill-Rappreżentant Għoli Catherin Ashton sabiex tlaqqa' laqgħa straordinarja tal-Kunsill Affarijiet Barranin biex jiddiskuti s-sitwazzjoni attwali, l-assistenza umanitarja tal-UE għal daww spustati internament fis-Sirja u għar-refuġjati mis-Sirja, miżuri ulterjuri li l-Unjoni tista' tadotta biex tappoġġja lill-forzi demokratiċi fl-oppożizzjoni Sirjana, u modi ta' djalogu ma' atturi internazzjonali ewlenin, inklużi r-Russja u l-Iran;
13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kungress u lill-President tal-Istati Uniti,

lill-parlament u lill-gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, lill-parlament u lill-gvern tal-Federazzjoni Russa, lill-parlament u lill-gvern tal-Iraq, lill-parlament u lill-gvern tal-Ġordan, lill-parlament u lill-gvern tal-Libanu, lill-parlament u lill-gvern tat-Turkija, lill-Koalizzjoni Nazzjonali tal-Forzi Sirjani tar-Rivoluzzjoni u tal-Oppożizzjoni, u lill-gvern u lill-parlament tas-Sirja.